**29 ta' Ottubru, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Joseph Caruana Curran ne.

*versus*

Anthony Camilleri ne.

**Dazju — Retroattività — "Import Duties (Assimilation) Regulations, 1958" — Notifikazzjoni tal-Gvern 605 tal-1958.**

*Biex l-liġi jkollha effett retroattiv, jeħtieġ li dan l-effett jirriżulta b'mod l-aktar ċar u żgur; u għaldaqstant, fid-dubju għandu jkun eskluż.*

*Konsegwentement, jekk joħorġu regolamenti li jeżentaw mid-dazju xi oġġetti li jiġu mportati minn barra, bl-indikazzjoni espressa tad-data li fiha dawk ir-regolamenti għandhom*

*jibdew iseħħu, l-istess regolamenti ma jistgħux jiġu nterpretati fis-sens li għandhom effett retroattiv; u min ikun importa minn dawk l-oġġetti hekk eżentati qabel ma bdew iseħħu dawk ir-regolamenti ma jistax jippretendi li jitlob ir-rifużjoni tad-dazju li huwa jkun ħallas bi protesta biex ikun j'sta' jirtira l-merkanzija mportata.*

*Għalkemm si tratta ta' liġi fiskali, ma għandhiex isseħħ ir-regola "in dubio contra fiscum"; għax dubju ma hemmx, billi s-sens tal-liġi huwa ċar.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li ppremetta illi huwa mporta, fid-dati elenkati fil-prospett dok. "A", kwantitajiet ta' boroż tas-"silver foil laminated to paper" għat-tqartis ta' oġġetti manifatturati f'Malta, u ħallas fuqhom taħt protest id-dazju ndikat fiċ-ċitat prospett, tal-ammont komplessiv ta' £96.16.5; u peress illi b'regolamenti magħmula mill-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur, u pubblikati b'Avviż tal-Gvern numru 605 tal-1958, l-oġġetti fuq deskritti ġew assimilati ma' oġġetti oħra eżenti minn dazju; talab li l-konvenut jiġi kundannat li jirrestitwixxi u jħallas lill-attur is-somma fuq imsemmija ta' £96.16.5, minnu mħallsa ndebitament bħala dazju għar-raġunijiet fuq imsemmijin. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, u bl-imgħax skond il-liġi;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine, li biha ssottometta illi l-boroż in kwistjoni ġew importati qabel ma saret il-promulgazzjoni tal-"Import Duties (Assimilation) Regulations" tal-1958, u għalhekk l-eżenzjoni mill-ħlas tad-dazju għandha tibda tiġi mogħtija b'effett mit-30 ta' Ottubru 1958 (bidu tas-seħħ ta' dawn ir-Regolamenti, li mhumiex retroattivi), u li għalhekk it-talba attriċi hija nfondata fid-dritt;

Rat il-verbal tas-26 ta' Ġunju 1959, fejn il-partijiet qablu illi l-assimilazzjoni tal-merċi in kwistjoni ġiet provokata u saret bħala konsegwenza tat-talba tal-attur;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi ma hemmx kwistjoni bejn il-kontendenti (1) li l-boroż ġew impurtati f'dawn il-Gżejjer qabel ma ġew publikati r-Regolamenti li bihom dawk il-boroż ġew eżentati mid-dazju. u (2) illi d-dazju mħallas mill-attur ġie kalkulat "ad valorem" bir-rata tal-20%;

Illi dawk ir-Regolamenti, publikati b'Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 605 tat-30 ta' Ottubru 1958, ġew espressament dikjarati li bdew iseħħu minn dik il-ġurnata. Dan ifisser (a) li l-boroż in kwistjoni ma kienux, qabel dik id-data, eżenti mid-dazju, (b) u li kienet intenzjoni tal-leġislatur li jeżenta l-importazzjoni tagħhom li tkun saret minn dik il-ġurnata l-quddiem, u li għalhekk il-leġislatur ma riedx jeżenta l-importazzjonijiet preċedenti, bħal dawk in kwistjoni;

Illi l-liġi hija ċara, u ma tagħmel ebda riferenza għall-importazzjonijiet ta' qabel; u kwindi mhux leċitu li dawn l-importazzjonijiet jiġu kompriżi fl-eżenzjoni mid-dazju;

Illi, biex il-liġi jkollha effett retroattiv, hemm bżonn li dan l-effett jirriżulta b'mod l-aktar ċar u żgur, u għalhekk fid-dubju għandu jiġi eskluż. (Pacifici Mazzoni, Istituzioni. I, §27). Issa, bl-indikazzjoni espressa tal-ġurnata li fiha dawk ir-Regolamenti kellhom jibdew iseħħu l-leġislatur wera li ma riedx li huma jkollhom effett retroattiv. Dan hu s-sens loġiku tal-indikazzjoni ta' dik il-ġurnata, u ma jistax ikun ieħor. Jgħid Halsbury:— "The expression 'commencement,' used with reference to a statute. means the time at which the statute comes into operation...... any statute passed after 1889 or...... regulations made or issued under a power conferred by statute, if expressed to come into operation at a particular day, must be construed as coming into operation immediately on the expiration of the previous day" (Laws of England. Vol. XXXI, §661, Hailsham edition);

Illi barra minn dan, għad illi si tratta ta' liġi fiskali, ma għandhiex isseħħ ir-regola "in dubio contra fiscum", iżda

l-liġi għandha tittieħed fis-sens ċar tagħha u, kemm jista' jkun, dak li jiftiehem *minn kliemha (Kollez. XXIX-IV-500)*;

Illi diversament, kieku kellha sseħħ l-interpretazzjoni pretiża mill-attur, il-volontà tal-leġislatur, espressa b'mod l-aktar ċar, tiġi injorata għal kollox;

*Illi l-attur, qabel ma mporta l-boroż in kwistjoni, kien imissu jistenna l-eżitu tal-pratiki tiegħu għall-eżenzjoni mid-dazju; u jekk dan ma għamlux, u ħa r-riskju li jimportahom, ma jistax il-lum jilmenta mill-konsegwenzi;*

Illi għalhekk l-istanza tal-attur mhix sostnuta;

Għal dawn il-motivi;

*Tilqa' l-eċċezzjoni opposta mill-konvenut;*

U tiċħad id-domanda tal-attur;

*Bl-ispejjeż.*